# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar

## **Laqgħa Numru 53 – 3 Leġiżlatura**

**Il-Ħamis 07 ta' Ottubru 2021**

Il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar iltaqa' kemm fil-Bini Amministrattiv fi 395, Triq il-Vitorja Ħal Qormi, kif ukoll b'mod virtwali fil-5.30 pm.

PREŻENTI FIL-BINI AMMINISTRATTIV:

| | |
|---|---|
| President | Is-Sur Jesmond Aquilina |
| Deputat President/Sindku Qrendi | Is-Sur David Michael Schembri |
| Sindku Żurrieq | Is-Sa Rita Grima |
| Kunsillier Birżebbuġa | Is-Sur Sandro Alexander Caruana |

PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:

| | |
|---|---|
| Kunsilliera Ħal Luqa | Is-Sa Maria Magri |
| Sindku Santa Luċija | Is-Sa Charmaine St John |

| | |
|---|---|
| Viċi Sindku Ħaż-Żebbuġ | Is-Sur Mark Camilleri |
| Sindku Gudja | Dr Marija Sara Vella |
| Sindku Ħal Għaxaq | Is-Sur Darren Abela |
| Sindku Ħal Kirkop | Is-Sur Terence Agius |
| Sindku Mqabba | Is-Sur Omar Farrugia |
| Sindku Siġġiewi | Is-Sur Dominic Grech |
| Sindku Ħal Safi | Is-Sur Johan Mula |

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ħadd

ASSENTI

| | |
|---|---|
| Sindku Ħamrun | Is-Sur Christian Sammut |
| Sindku Ħal Qormi | Is-Sur Josef Masini Vento |

UFFIĊJAL PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Philip Carabott | Segretarju Eżekuttiv |

# Minuti

Il-President  is-Sur Jesmond Aquilina ippresjeda l-laqgħa.

## 53.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji;

53.1.1 Il-President informa li ma rċeviex ittri ta' apoloġija.

## 53.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

53.2.1 Il-President ressaq il-minuti tat-tnejn u ħamsin (52) laqgħa tal-Kunsill Reġjonali li ġew iċċirkolati  minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant, ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

53.2.2 Wara mozzjoni mressqa mis-Sur David Michael Schembri u ssekondata mis-Sur Mark Camilleri, il-Membri Kunsill Reġjonali approvaw b'mod unanimu l-minuti msemmija.

## 53.3 Komunikazzjoni mill-President;

**- Tifħir lill-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa u taż-Żurrieq**

53.3.1 Il-President faħħar lill-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa għall-mod professjonali li bih organizza l-attivitajiet ta' Jum Birżebbuġa. Bl-istess mod faħħar lill-Kunsill Lokali taż-Żurrieq għall-organizzazzjoni tas-serata mużiko letterarja f'għeluq il-50 sena mill-mewt ta' Profs. Pietru Pawl Saydon. Il-President irringrazzja liż-żewġ Kunsilli Lokali li rrikonoxxew lill-Kunsill Reġjonali f'dawn l-attivitajiet u għoġobhom jistednuh fiż-żewġ okkażjonijiet.

**- Laqgħa mad-Direttur fid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' Policy**

53.3.2 Il-President semma' kif matul din il-ġimgħa, id-Direttur fid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' Policy, flimkien mal-Assistent Direttur u uffiċjal għoli fl-istess Dipartiment żaru l-Bini Amministrattiv u ddiskutew l-istrateġiji li hemm ippjanati għaż-żmien li ġej mill-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar. Huma ltaqgħu wkoll mal-uffiċjali professjonali li ġew ingaġġati mal-Kunsill Reġjonali u ddiskutew ir-responsabbilitajiet, l-isfidi u l-metodi ta' xogħol li se jkunu qed japplikaw. Huma se jkunu qed jingħataw induction course mid-DLG f'Jannar li ġej. Sadanittant huma qed jiġu pprovduti b'taħriġ speċjalizzat mill-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar.

**- Inizjattiva biex tiġi indirizzata l-problema ta' rimi ta' skart illegali**

53.3.3 Il-President informa li l-Aġenzija LESA bagħtet żewġ kontijiet għas-servizzi ta' sorveljanza li saru matul l-ewwel xahrejn ta' sorveljanza fejn l-ammont dovut jaqbeż il-budget li l-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar alloka għal din l-inizjattiva. Hu qal li kellu diskussjonijiet ma' uffiċjali mil-LESA u dawn infurmawh li l-istess ammont ta' sigħat li tħallsu mill-Kunsill Reġjonali għal dawn is-sorveljanzi se jerġgħu jingħataw mil-LESA fil-ġimgħat li ġejjin bla ħlas. L-Aġenzija LESA qed toffri wkoll lill-Kunsilli lokali biex, jekk iridu, iħallsu għal aktar sigħat ta' sorveljanza, u l-LESA terġa' tirduppja s-sigħat tas-servizz li tagħti.

**- Uffiċjali professjonali mal-Kunsill Reġjonali**

53.3.4 Il-President qal li matul din il-ġimgħa bdew l-intervisti mid-DLG mal-applikanti għall-postijiet ta' uffiċjali professjonali li jridu jimtlew fil-jiem li ġejjin. Id-DLG se tkun qed tagħmel short list bil-persuni validi u tgħaddihom lill-Kunsilli Reġjonali biex jagħmlu t-tieni intervista min-naħa tagħhom, kif sar fl-għażla tal-uffiċjali l-oħra. Illum f'din il-laqgħa, jinħatar Bord tal-Għażla għal dawn l-intervisti.

**- President's Fun Run 2021**

53.3.5 Il-President informa li l-Kunsilli Lokali kollha fir-Reġjun bagħtu r-rotot magħżula minnhom għall-President's Fun Run 2021 u dawn intbagħtu lill-AKL. Sadanittant għaddejjin diskussjonijiet mal-AKL fuq il-preparamenti u l-promozzjoni għal din l-attività.

**- Festa Nar 2021**

53.3.6 Il-President ħabbar li mill-feedback li rċieva jidher li l-mod kif ġiet imtellgħa Festa Nar 2021 jidher li ntlaqa' tajjeb. Kien hemm għadiet tan-nar li wrew impenn u tellgħu wirja ta' livell għoli u kien hemm oħrajn li ma laħqux il-livell mixtieq. Għas-sena li jmiss se jkun qed iressaq proposti ġodda fuq kif jiġu magħżula l-għaqdiet u l-wirjiet għal dan l-avveniment. Il-President qal ukoll li l-Għaqda tan-Nar Madonna tal-Karmnu taż-Żurrieq għamlet wirja tal-għeluq li kien spettakolari u kien fih ħafna aktar xogħol minn dak mitlub. Dawn ħarġu aktar spejjeż milli mistenni biex setgħu jtellgħu din il-wirja u għaldaqstant ikun xieraq li jiġu rimborsati parti mill-ispejjeż żejda li għamlu. Hu jipproponi li jiġu rimborsati mill-ispejjeż ta' tliet igniters li jammontaw għal 300 ewro. Fuq nota differenti, hu semma' l-ħsieb li Festa Nar 2022 tkun tinkludi kemm l-għadiet tan-nar li ilna naħdmu magħhom matul dawn is-sitt edizzjonijiet, kif ukoll l-għaqdiet tan-nar tal-lokalitajiet li se jkunu qed jissieħbu fir-Reġjun. Din tista' tkun attività li ssir bi sħab mar-Reġjun tal-Punent, imma dwar dan imbagħad isiru diskussjonijiet is-sena d-dieħla.

53.3.7 Il-Membri preżenti qablu li l-Għaqda tan-Nar Madonna tal-Karmnu taż-Żurrieq tiġi rimborsata tal-ispejjeż ta' 3 igniters.

**- Fondi pendenti mill-Kunsill Reġjonali**

53.3.8 Il-President semma' li matul il-jiem li għaddew ġew imħallsa t-talbiet għall-fondi pendenti mill-Kunsilli Lokali u issa din is-sistema mhix se tibqa' tintuża aktar. Inizjattivi li jkunu jinkludu għajnuniet finanzjarji se jkunu marbuta ma' dati stabbiliti jew inkella jitħallsu direttament mill-Kunsill Reġjonali f'każ li l-inizjattiva tkun qed issir b'mod konġunt.

**- Attività annwali tal-Milied mill-Kunsill Reġjonali**

53.3.9 Il-President fakkar lill-Membri preżenti biex jibagħtu proposti ħalli l-Kunsill Reġjonali jkun jista' jtella' din l-attività li għandha tkun f'forma ta' kunċert li jittella' fi żmien il-Milied. Hu semma' li din għandha tkun attività mtellgħa esklussivament mill-Kunsill Reġjonali bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali u li għaliha m'għandux ikun hemm fondi ġejjin minn sorsi oħra. Il-Kunsill Reġjonali qed jalloka 5,000 ewro għal din l-attività.

**- Skema ta' Għajnuna finanzjarja lill-Kunsilli Lokali għall-Milied 2021**

53.3.10 Il-President ippropona skema ta' Għajnuna Finanzjarja lill-Kunsilli Lokali fejn jistgħu jibbenefikaw sa massimu ta' 1,000 ewro f'rimbors ta' spejjeż relatati ma' tiżjin fit-toroq u/jew inizjattivi għar-residenti fi żmien il-Milied. Hu qal li s-sistema tat-tabella bil-fondi allokati mhux se tibqa' tintuża aktar u l-Kunsilli Lokali jridu jibagħtu l-proposti tagħhom bil-miktub għall-approvazzjoni u għandhom żmien stipulat sakemm jistgħu jibagħtu t-talba għar-rimbors u l-provi tal-ħlas. Il-President talab għall-approvazzjoni tal-Membri preżenti.

53.3.11 Il-Membri preżenti approvaw il-proposta tal-President b'mod unanimu.

**- Kummenti**

53.3.12 Fil-ħin allokat għall-kummenti, is-Sur Darren Abela rrefera għar-rimbors li se jingħata lill-Għaqda tan-Nar Madonna tal-Karmnu taż-Żurrieq rigward Festa Nar u qal li rridu noqogħdu attenti għax għaqdiet oħra jibdew jippretendu li jitħallsu iżjed għall-wirjiet tagħhom. Fuq nota oħra, hu qal li hu personalment ma jaqbilx li Festa Nar tiġi organizzata wkoll għal-lokalitajiet li mhux se jibqgħu fir-Reġjun aspejjeż tal-Kunsill Reġjonali.

53.3.13 Il-President qal li r-rimbors li se jkun qed jingħata lill-Għaqda Madonna tal-Karmnu taż-Żurrieq se jkun abbażi li l-wirja tagħhom kienet itwal u b'ħafna aktar xogħol minn dak mitlub u żgur mhux se tkun qed tkopri l-ispejjeż kollha involuti. Dwar it-tieni suġġeriment, hu qal li dak kien ħsieb li għad irid jiġi diskuss aktar 'il quddiem imma hemm bżonn li nibdew nimxu b'viżjoni li tagħti lok għal tkabbir minflokk nibqgħu magħluqin dejjem ġo l-istess ċirku.

53.3.14 Is-Sur Johan Mula rrefera għar-rondi ta' sorveljanza mill-Uffiċjali tal-Komunità mill-Aġenzija LESA u qal li hu jinsab diżappuntat għall-fatt li l-Kunsill Reġjonali ħallas eluf ta' ewro għal dan is-servizz meta dan suppost qed jiġi offrut bla ħlas lill-Kunsilli Lokali mill-Gvern Ċentrali. Is-servizz tal-infurzar kien f'idejn il-Kunsilli u kienu jutilizzaw dan is-servizz fl-aħjar interess tal-lokalitajiet tar-Reġjun u issa ttieħed mill-Gvern Ċentrali u l-Kunsilli qed jispiċċaw iħallsu għas-servizz li suppost qed jingħata lilhom bla ħlas.

53.3.15 Il-President qal li din is-sitwazzjoni hi magħrufa minn kulħadd. Hu qal li għamel dan wara li sema' l-ilmenti tal-Kunsilli Lokali u għalhekk sejjaħ laqgħat mal-Aġenzija LESA biex iġib ftehim ħalli l-Kunsilli Lokali tar-Reġjun jieħdu servizz ta' infurzar id-doppju ta' dak li jkun allokat lilhom. Il-Kunsill Reġjonali ħallas mill-allokazzjoni tiegħu għal dan is-servizz biex jgħin lill-Kunsilli Lokali fi ħdanu.

## 53.4 Skeda ta’ Pagamenti;

53.4.1 Il-President ippreżenta l-iskedi ta’ pagamenti bin-numru ta’ referenza 10/21A-1 u 10/21B-1 li ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

53.4.2 Wara mozzjoni mressqa mis-Sa Maria Magri u ssekondata mis-Sur Johan Mula, il-Kunsill Reġjonali approva unanimament il-ħlasijiet indikati fl-iskedi ta’ pagamenti msemmija.

## 53.5 Ħtieġa ta’ Ingaġġ ta’ Assistent Prinċipal mal-Kunsill Reġjonali;

53.5.1 Il-President ħabbar li ż-żmien tas-sejħa għall-applikazzjonijiet għalaq u l-Kunsill Reġjonali rċieva applikazzjoni waħda minn uffiċjal eżekuttiv f’Kunsill Lokali għal din il-pożizzjoni. Issa jinħatar Bord tal-Għażla u jibdew il-proċeduri u l-arranġamenti biex issir l-intervista mal-persuna li applikat.

## 53.6 Ingaġġ ta’ Uffiċjal tal-Komunità għat-Trattament Xieraq tal-Annimali;

53.6.1 Il-President ħabbar li matul dawn il-jiem ingħata l-permess mill-Jobsplus biex tinħareġ sejħa pubblika għal din il-pożizzjoni. Bħalissa s-sejħa tinsab miftuħa u diġà hemm numru ta’ applikazzjonijiet. Is-sejħa tagħlaq fit-12 ta’ Ottubru 2021 u l-Bord tal-Għażla li se jiġi maħtur illum ikun jista’ jagħmel l-intervista biex tingħażel din il-persuna.

**53.7 Ħatra ta' Bord tal-Għażla għall-Ingaġġ ta' Persuni Ġodda mal-Kunsill Reġjonali;**

53.7.1 Il-President qal li llum il-Membri għandhom jaħtru Bord tal-Għażla għall-intervisti li se jkunu qed isiru fil-jiem li ġejjin sabiex jimtlew il-postijiet li hemm vakanti mal-Kunsill Reġjonali.

53.7.2 Il-Membri preżenti ddiskutew u qablu li l-Bord tal-Għażla jkun magħmul mill-President, mid-Deputat President u minn Dr Marija Sara Vella. Il-Membri ta' riserva jkunu s-Sa Maria Magri u s-Sur Dominic Grech. Is-Segretarju Eżekuttiv ikun responsabbli mill-parti amministrattiva.

**53.8 Aġġustamenti Mitluba mill-Awdituri fir-Rapporti Finanzjarji 2020;**

53.8.1 Il-President ressaq l-aġġustamenti riveduti fir-rapporti finanzjarji 2020 mitluba mill-Awdituri wara li ġie konkluż biex is-sena 2020 ġiet tagħlaq b'surplus ta' 737,041 ewro. Id-dokument intbagħat lill-Membri minn qabel u għaldaqstant ġie kkunsidrat bħala moqri. Hu ta spjega tiegħu.

53.8.2 Il-Membri preżenti approvaw b'mod unanimu dawn l-aġġustamenti.

**53.9 Tiġdid tal-Ħatra tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Reġjonali;**

53.9.1 Il-President semma' kif il-ħatra tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv għandha bżonn terġa' tiġġedded skont il-proċeduri. Hu qal li Sa Dulcie Gauci dejjem qdiet id-dmirijiet tagħha bl-aktar mod professjonali u talab l-approvazzjoni tal-Membri preżenti biex is-Sa Gauci terġa' tiġi nnominata għal din il-pożizzjoni.

53.9.2 Il-Membri preżenti qablu b'mod unanimu u reġgħu nnominaw lis-Sa Dulcie Gauci għall-pożizzjoni ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv.

## 53.10 Sħubija tal-AKL u l-Kunsilli Reġjonali ma' 'The Phoenecians' Route';

53.10.1 Il-President ħabbar li fil-laqgħa tal-Eżekuttiv tal-AKL ġie diskuss li l-Assoċjazzjoni flimkien mal-Kunsilli Reġjonali jissieħbu ma' 'The Phoenecians' Route' u jaqsmu l-ħlas ta' sħubija bejniethom li ta' 2,000 ewro. Hu spjega li din hi inizjattiva interessanti għax hija rotta kulturali tal-Mediterran u l-Kunsill tal-Ewropa li taf toffri opportunitajiet lill-Kunsilli Lokali fir-Reġjun.

53.10.2 Il-Membri preżenti qablu b'mod unanimu li l-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar jissieħeb ma' 'The Phoenecians' Route' f'isem il-Kunsilli Lokali tar-Reġjun.

## 53.11 Affarijiet Oħra;

**- Żjara f'Evora posposta**

53.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ġie infurmat mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali li ż-żjara li kienet ippjanata f'Evora bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Malti għall-Arti ġiet posposta sakemm jerġgħu jinħarġu dettalji ġodda.

**- Applikazzjoni ta' żvilupp għall-estensjoni tal-uffiċini fil-Bini Amministrattiv**

53.11.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li fil-jiem li għaddew reġgħu ġew sottomessi l-pjanti emendati mal-Awtorità tal-Ippjanar mill-Perit tal-Kunsill Reġjonali wara li ntalbu xi emendi fil-pjanti minħabba l-għoli tal-kamra tal-lift.

**- Ġbir ta' informazzjoni tal-ispejjeż tat-Tribunal Lokali**

53.11.3 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-AKL talbet lill-Kunsilli Reġjonali sabiex jiġbru l-informazzjoni tal-ispejjeż tat-Tribunali Lokali li saru mill-2019 sa' Settembru tal-2021. L-ispejjeż li saru fit-Tribunal tan-Nofsinhar mill-Kunsill Reġjonali qed jinġabru u se jkunu qed jintbagħtu lill-AKL fit-08 ta' Ottubru 2021.

**- Network of Towns – Democratic Engagement and Civic Participation**

53.11.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kienet saret applikazzjoni ma' Rois Municipality f'isem il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar biex jissieħeb f'dan il-proġett finanzjat minn fondi Ewropej. L-applikazzjoni kienet imtliet minnu bil-għajnuna tad-Deputat President. Din l-applikazzjoni ġiet aċċettata u issa dawn ġew mistednin għal kick off meeting. Dan il-proġett se jkun jinvolvi żjarat oħra għall-President u l-Membri tal-Kunsill Reġjonali fiż-żmien li ġej, kif ukoll żjarat oħra li jsiru f'Malta.

**- CSR għal żmien il-Milied mill-AKL u l-Kunsilli Reġjonali**

53.11.5 Is-Segretarju Eżekuttiv irrefera għall-korrispondenza mibgħuta lill-Kunsilli Lokali mill-AKL fejn intalbu jinnominaw organizzazzjoni mal-Kunsill Reġjonali biex flimkien ikunu jistgħu jagħmlu preżentazzjoni ta' rigali jew bżonnijiet fi żmien il-Milied. Hu informa li daħlet nomina waħda mill-Kunsill Lokali tal-Gudja li nnomina lis-Sorijiet tal-Karità li jinsabu fil-Gudja.

**- Progress reports tal-uffiċjali professjonali tal-Kunsill Reġjonali**

53.11.6 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-progress reports tal-uffiċjali professjonali tal-Kunsill Reġjonali li jkopru sal-aħħar ta' Settembru kif inhu mitlub skont il-proċeduri. Ir-rapporti intbagħtu lill-Membri minn qabel u għaldaqstant ġew ikkunsidrati bħala moqrija. Hu ta' dettalji tax-xogħol li wettqu u tax-xogħol li se jkunu qed jaħdmu fuqu fix-xhur li ġejjin. Is-Segretarju Eżekuttiv talab għall-approvazzjoni tal-Membri qabel ma r-rapporti jintbagħtu lid-Diviżjoni.

53.11.7 Il-Membri preżenti unanimament approvaw il-progress reports tal-uffiċjali professjonali.

**- Rimbors tal-salarji tal-uffiċjali professjonali tal-Kunsill Reġjonali**

53.11.8 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li waqt il-laqgħa li saret mad-Direttur tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' Policy, ġiet mogħtija l-approvazzjoni u d-

direzzjoni li jintbagħtu l-provi tal-ħlas tas-salarji tal-uffiċjali professjonali sabiex jiġu rimborsati parti mis-salarji tagħhom skont l-iskema ta' finanzjament tal-ingaġġ tagħhom. Dawn se jkunu qed jintbagħtu matul il-jiem li ġejjin.

**- Applikazzjoni ta' devoluzzjoni mill-Kunsill Reġjonali**

53.11.9 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li rċieva informazzjoni mill-Awtorità tal-Artijiet li l-applikazzjoni sottomessa mill-Kunsill Reġjonali għaddejja mill-proċess imma jonqos li jsir xi xogħol mil-land surveyor tal-Awtorità fuq il-pjanti qabel tkun tista' titressaq it-talba quddiem id-disposal committee.

## 53.12 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li Jmiss;

53.12.1 Il-laqgħa ntemmet fis-19.02 u ġiet aġġornata għall-Ħamis 11 ta' Novembru 2021 fil-5.30 pm.

Konfermati llum ______________________.

Jesmond Aquilina

President

Philip Carabott

Segretarju Eżekuttiv